SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

26 ta' Novembru 2015 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2002/22/KE — Netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Drittijiet tal-utenti — Dritt tal-abbonati li jirtiraw mill-kuntratt tagħhom mingħajr penali — Modifika fit-tariffi li tirriżulta mill-kundizzjonijiet tal-kuntratt — Żieda fit-tariffa fil-każ ta' żieda fil-prezz għall-konsumatur"

Fil-Kawża C-326/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari taħt l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (qorti suprema, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tat-28 ta' April 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Lulju 2014, fil-proċedura

Verein für Konsumenteninformation

vs

A1 Telekom Austria AG,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn L. Bay Larsen, President tat-Tielet Awla, li qed jaġixxi bħala President tar-Raba' Awla, J. Malenovský, M. Safjan (Relatur), A. Prechal u K. Jürimäe, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Cruz Villalón,

Reġistratur: I. Illéssy, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' April 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Verein für Konsumenteninformation, minn S. Langer, avukat,

— għal A1 Telekom Austria AG, minn M. Hasberger, avukat,

— għall-Gvern Belġjan, minn J. Van Holm u M. Jacobs, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Braun u L. Nicolae, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2015,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva "Servizz Universali") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU L 337, p. 11, iktar 'il quddiem, id-"Direttiva 2002/22").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn il-Verein für Konsumenteninformation (Assoċjazzjoni għall-informazzjoni tal-konsumaturi, iktar 'il quddiem l-"Assoċjazzjoni") u A1 Telekom Austria AG (iktar 'il quddiem "A1 Telekom Austria") dwar l-użu minn din tal-aħħar ta' klawżoli allegatament illegali fil-kuntratti li hija kkonkludiet mal-konsumaturi.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva Nru 2002/22

3 Il-premessi 30 u 49 tad-Direttiva Nru 2002/22 jipprovdu:

"(30)
Il-kuntratti huma għodda mportanti għall-utenti u l-konsumaturi biex jiġi assigurat livell minimu ta' trasparenza ta' informazzjoni u sigurtà legali. [...] Speċifikament, il-konsumaturi għandhom igawdu minn livell minimu ta' ċertezza legali fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom mal-fornitur dirett tagħhom ta' servizz tat-telefon, sabiex it-termini kuntrattwali, il-kondizzjonijiet, il-kwalità tas-servizz, il-kondizzjoni għat-terminazzjoni tal-kuntratt u tas-servizz, il-miżuri ta' kumpens u r-riżoluzzjoni ta' disputi jiġu speċifikati fil-kuntratti tagħhom. [...] Il-miżuri biex jassiguraw it-trasparenza tal-prezzijiet, it-tariffi, it-termini u l-kondizzjonijiet jkabbru l-kapaċità tal-konsumaturi li jottimizzaw l-għażliet tagħhom u b'hekk jibbenefikaw bis-sħiħ mill-kompetizzjoni.

[...]

(49) Din id-Direttiva għandha tipprovdi għall-elementi tal-protezzjoni tal-konsumatur, inklużi kondizzjonijiet kuntrattwali ċari u riżoluzzjoni ta' disputi, u trasparenza tariffarja għall-konsumaturi. [...]"

4 Fil-Kapitolu I ta' din id-direttiva, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni, miri u tifsir", hemm l-Artikolu 1, li jipprovdi:

"1. Fl-ambitu tal-qafas tad-Direttiva 2002/21/KE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/21/KE tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għan-netwerks ta' servizzi u komunikazzjonijiet elettroniċi (id-Direttiva Qafas) (ĠU L 108, p. 33)], din id-Direttiva tikkonċerna l-fornimet ta' networks u servizzi ta' komunikazzjoni elettronika lil utenti finali. L-għan huwa li tiġi żgurata d-disponibilità mal-Komunità kollha ta' servizzi pubblikament disponibbli ta' kwalità tajba permezz ta' kompetizzjoni effettiva u għażla u biex tittratta ċ-ċirkostanzi li fihom il-ħtiġijiet tal-utenti finali ma jkunux sodisfatti b'mod sodisfaċjenti mis-suq. Din id-Direttiva tinkludi wkoll dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tagħmir terminali fil-postijiet fejn joperaw l-konsumaturi. Din id-Direttiva tinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar ċerti aspetti ta' tagħmir ta' terminal, inklużi dispożizzjonijiet maħsuba biex jiġi faċilitat aċċess għal utenti b'diżabbiltà.

2. Din id-Direttiva tistabbilixxi d-drittijiet tal-utenti finali u l-obbligi korrispondenti li jaqgħu fuq l-impriżi li jipprovdu n-networks u s-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli. Fir-rigward tal-assigurazzjoni ta' forniment ta' servizz universali fl-ambjent ta' swieq miftuħa u kompetittivi, din id-Direttiva tiddefinixxi s-sett minimu ta' servizzi ta' kwalità speċifikata li għaliha l-utenti kollha għandhom aċċess bi prezz li jista' jintlaħaq fid-dawl tal-kondizzjonijiet speċifiċi nazzjonali, mingħajr distorzjoni tal-kompetizzjoni. [...]"

5 Il-Kapitolu IV tal-imsemmija direttiva, intitolat "Interessi u drittijiet ta' l-utenti finali", jinkludi b'mod partikolari l-Artikolu 20 ta' din, li jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jabbonaw għal servizzi li jipprovdu konnessjoni lil network ta' komunikazzjonijiet pubbliċi u/jew servizzi tal-komunikazzjoni elettronika pubblikament disponibbli, konsumaturi, u utenti oħra aħħarin li hekk jitolbu, għandhom dritt għal kuntratt ma' impriża jew impriżi li jipprovdu tali konnessjoni u/jew servizzi. Tali kuntratt għandu mill-anqas jispeċifika f'forma ċara, komprensiva u ħafifa u aċċessibbli:

[...]

d) dettalji tal-prezzijiet u t-tariffi, inkluż il-mezzi li bihom tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi u l-ħlasijiet tal-manutenzjoni kollha applikabbli, metodi ta' pagament offruti u kwalunkwe differenzi fl-ispejjeż dovuti minħabba l-metodu tal-pagament;

[...]

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-abbonati jkollhom id-dritt li jirtiraw il-kuntratti tagħhom mingħajr penali ma' avviż ta' modifiki għad-detriment tal-abbonat fil-kondizzjonijiet kuntrattwali proposti mill-impriżi li jipprovdu networks u/jew is-servizzi ta' komunikazzjoni elettronika. L-abbonati għandhom jingħataw avviż adegwat, mhux anqas minn xahar, bil-quddiem ta' modifikazzjonijiet bħal dawk u għandhom ikunu nfurmati fl-istess waqt bid-dritt tagħhom li jirtiraw, mingħajr penalità mill-kuntratti tagħhom, jekk ma jaċċettawx il-kondizzjonijiet il-ġodda. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jispeċifikaw tali notifiki."

6 Skont l-Artikolu 21(1) tal-istess direttiva:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jobbligaw lill-impriżi li jipprovdu networks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika u/jew servizzi pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku biex jippubblikaw informazzjoni trasparenti, komparabbli, adegwata u aġġornata dwar il-prezzijiet u t-tariffi applikabbli, kwalunkwe ħlasijiet minħabba t-terminazzjoni ta' kuntratt u informazzjoni dwar termini u kondizzjonijiet standard fir-rigward tal-aċċess u l-użu tas-servizzi tagħhom pprovduti minnhom lill-utenti finali u lill-konsumaturi skont l-Anness II. Din l-informazzjoni għandha tkun ippubblikata f'forma ċara, komprensiva u li tkun faċilment aċċessibbli. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jistgħu jispeċifikaw rekwiżiti addizzjonali rigward il-forma li fiha tali informazzjoni għandha tiġi pubblikata."

Id-dritt Awstrijak

7 L-Artikolu 25 tal-liġi dwar it-telekomunikazzjoni tal-2003 (Telekommunikationsgesetz 2003), BGBl. I Nru 70/2003, iktar 'il quddiem il-"liġi dwar it-telekomunikazzjonijiet" huwa fformulat kif ġej:

"(1) L-operaturi ta' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjoni għandhom jadottaw kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ li jiddeskrivu wkoll s-servizzi offruti, u li jiddeterminaw ir-regoli tat-tariffi f'dan ir-rigward. Il-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ u r-regoli tat-tariffi għandhom jiġu notifikati lill-awtorità regolatorja qabel il-bidu tal-provvista tas-servizz u ppubblikati b'mod xieraq.

(2) Il-modifiki fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ u r-regoli tat-tariffi għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità regolatorja u ppubblikati b'mod xieraq qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. Perijodu ta' xahrejn min-notifika u l-pubblikazzjoni japplika għall-modifiki li ma jibbenefikawx esklużivament lill-abbonat. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi huma mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur [...] u l-Kodiċi Ċivili.

(3) Il-kontenut essenzjali tal-modifiki li ma jibbenefikawx esklużivament lill-abbonat għandu jiġu kkomunikati lilu bil-miktub, pereżempju permezz tal-intermedjarju ta' dikjarazzjoni fuq fattura imħejjija perjodikament, mill-inqas xahar qabel id-dħul fis-seħħ tal-modifiki. L-abbonat għandu, fl-istess ħin, jiġi informat bid-data tad-dħul fis-seħħ tal-modifiki u tal-fatt li jista' jxolji l-kuntratt, mingħajr spejjeż, sa din id-data [...] Il-modifiki tal-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ u tal-kundizzjonijiet tariffarji tal-operaturi tan-netwerks jew tas-servizzi ta' komunikazzjoni meħtieġa biss bħala riżultat tar-regolament adottat mill-awtorità regolatorja fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni u li ma jibbenefikawx esklużivament lill-utenti ma jippermettux lill-abbonat li jxolji l-kuntratt mingħajr spejjeż.

[...]

(5) Il-kundizzjonijiet tariffarji għandhom isemmu tal-inqas:

[...]

2. il-mezzi kif tista' tinkiseb informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi u l-ispejjeż għall-manutenzjoni applikabbli kollha;

[...]"

8 Il-liġi federali dwar l-istatistika tal-2000 (Bundesstatistikgesetz 2000), (BGBI. I, Nru 163/1999) tipprevedi li l-Istitut Awstrijak tal-istatistika (Statistik Österreich) huwa responsabbli, b'mod partikolari, biex jistabbilixxi l-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumatur.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 L-Assoċjazzjoni għandha s-setgħa, skont il-leġiżlazzjoni Awstrijaka, li tintroduċi azzjonijiet intiżi sabiex iwaqqfu l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ li jmorru kontra l-projbizzjonijiet legali jew il-moralità.

10 A1 Telekom Austria, li tipprovdi servizzi ta' telekomunikazzjoni fl-Awstrija, tapplika, fir-relazzjonijiet tagħha mal-konsumaturi, kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ.

11 Dawn il-kundizzjonijiet jipprevedu b'mod partikolari li, "[j]ekk kien hemm qbil dwar indiċi fid-dispożizzjonijiet tariffarji jew fil-ftehim individwali", "A1 [Telekom Austria] hija intitolata li żżid it-tariffi għas-sena kalendarja li jmiss skont iż-żieda annwali fl-indiċi tal-prezzijiet għall-konsumaturi" u hija, fl-istess ħin, "meħtieġa li tgħaddi t-tnaqqis f'[dan] l-indiċi u li tnaqqas it-tariffi skont dan it-tnaqqis. A1 [Telekom Austria] għandha tinforma lill-klijenti b'dawn l-aġġustamenti bil-miktub".

12 Dejjem skont l-imsemmija kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ, "[j]ekk [...] il-modifiki ma jibbenefikawx esklużivament lill-klijent, A1 [Telekom Austria] għandha tippublika [...] dawn il-modifiki – sa fejn dawn ma japplikawx biss għall-klijenti futuri – xahrejn qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. Il-kontenut essenzjali [...] tal-modifiki li ma jibbenefikawx esklużivament lill-klijent [...] [huwa] ikkomunikat [...] lill-klijent bil-miktub, pereżempju permezz tal-intermedjarju ta' dikjarazzjoni fuq il-fattura, għall-inqas xahar qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom. Il-komunikazzjoni dwar il-kontenut essenzjali tal-modifika għandha tinkludi riferiment għad-dritt ta' xoljiment bla spejjeż u għal perijodu ta' xoljiment".

13 Barra minn hekk, l-istess kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ jistipulaw li "[I]l-modifiki tariffarji li jirriżultaw minn indiċjar konvenzjonali ma jifthux id-dritt għal xoljiment straordinarju".

14 L-Assoċjazzjoni adixxiet lill-Handelsgericht Wien (qorti tal-kummerċ ta' Vjenna) b'talba għall-waqfien tal-użu, minn A1 Telekom Austria, tal-klawżoli msemmija iktar 'il fuq fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ.

15 Fil-fatt, skont l-assoċjazzjoni, iż-żieda fit-tariffi minn A1 Telekom Austria hija legali biss jekk il-konsumaturi jingħataw, f'din l-okkażjoni, dritt għal xoljiment straordinarju tal-kuntratt.

16 Peress li l-Handelsgericht Wien laqgħet, permezz ta' sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, it-talba tal-Assoċjazzjoni, A1 Telekom Austria ippreżentat appell minn din is-sentenza quddiem l-Oberlandesgericht Wien (qorti reġjonali superjuri ta' Vjenna).

17 Permezz ta' sentenza tas-16 ta' Mejju 2013, l-Oberlandesgericht Wien parzjalment irriformat l-imsemmija sentenza. L-Assoċjazzjoni u A1 Telekom Austria ippreżentaw kull waħda appell għal "Reviżjoni" kontra s-sentenza tal-Oberlandesgericht Wien quddiem il-qorti tar-rinviju.

18 Peress li qieset li s-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali tiddependi mill-interpretazzjoni tad-Direttiva Nru 2002/22, l-Oberster Gerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"Id-dritt previst għall-abbonati fl-Artikolu [20](2) tad-Direttiva dwar is-Servizz Universali li jirtiraw mill-kuntratt tagħhom mingħajr penali 'ma' avviż ta' modifiki għad-detriment tal-abbonat fil-kondizzjonijiet kuntrattwali' huwa prevista ukoll fil-każ li jkun hemm aġġustament tat-tariffi fuq il-bażi ta' dawn il-kundizzjonijiet kuntrattwali li, fil-mument li fih kien ġie konkluż il-kuntratt, kienu diġà jipprevedu l-possibbiltà li jiġi introdott aġġustament tat-tariffi (żieda/tnaqqis) fuq il-bażi ta' bidliet f'indiċi oġġettiv dwar il-prezzijiet għall-konsumaturi li jirrifletti bidliet fil-valur tal-flus?"

Fuq id-domanda preliminari

19 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva Nru 2002/22 għandux jiġi interpretat fis-sens li modifika tat-tariffi ta' provvista ta' servizzi relatati ma' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li sseħħ bl-applikazzjoni ta' klawżola ta' aġġustament tariffarju inkluża fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ applikati minn impriża li tipprovdi dawn is-servizzi, meta din il-klawżola tipprevedi li tali aġġustament huwa bbażat fuq indiċi tal-prezzijiet għall-konsumaturi oġġettiv stabbilit minn istituzzjoni pubblika, jikkostitwixxi "modifika għall-kundizzjonijiet kuntrattwali", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li tagħti lill-abbonat id-dritt li jittermina l-kuntratt tiegħu mingħajr penalità.

20 Preliminarjament, għandu jitfakkar li d-Direttiva Nru 2002/22 hija intiża sabiex toħloq qafas regolatorju armonizzat li, fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, jiżgura l-provvista ta' servizz universali, jiġifieri sett minimu ta' servizzi partikolari lill-utenti finali kollha bi prezz li jista' jintlaħaq. Skont l-Artikolu 1(1) ta' din id-direttiva, wieħed mill-għanijiet tagħha huwa li tiġi żgurata d-disponibbiltà, mal-Unjoni Ewropea kollha, ta' servizzi ta' kwalità tajba aċċessibbli għall-pubbliku bis-saħħa ta' kompetizzjoni u għażla effettivi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Base *et*, C-389/08, EU:C:2010:584, punt 32 kif ukoll l-ġurisprudenza ċċitata).

21 Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tad-Direttiva Nru 2002/22 huma intiżi sabiex jipproteġu l-interessi u d-drittijiet tal-utenti finali.

22 Il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreċiża, fil-premessa 30 ta' din id-direttiva, li l-kuntratt għal servizzi relatati mal-konnessjoni ma' netwerk ta' komunikazzjoni pubblika jew għall-komunikazzjonijiet elettroniċi aċċessibbli għall-pubbliku huwa għodda importanti f'idejn l-utenti u l-konsumaturi biex jiġi żgurat livell minimu ta' trasparenza ta' informazzjoni u ċertezza legali. Fil-premessa 49 tal-istess direttiva, isir riferiment ukoll għat-trasparenza tariffarja għall-konsumaturi. Huwa f'dan il-kuntest li l-Artikolu 20(1)(d) tal-imsemmija direttiva jipprevedi li dan il-kuntratt jippreċiża, b'mod ċar, dettaljat u faċilment aċċessibbli, b'mod partikolari d-dettalji tal-prezzijiet u tat-tariffi applikati u l-mezzi li bihom informazzjoni aġġornata dwar it-tariffi u l-ispejjeż tal-manutenzjoni kollha applikabbli jistgħu jinkisbu.

23 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21(1) tad-Direttiva Nru 2002/22, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jkunu jistgħu jobbligaw lill-impriżi li jipprovdu netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika u/jew servizzi pubbliċi ta' komunikazzjoni elettronika disponibbli għall-pubbliku biex jippubblikaw informazzjoni trasparenti, komparabbli, adegwata u aġġornata dwar b'mod partikolari l-prezzijiet u t-tariffi applikabbli, kwalunkwe ħlasijiet minħabba x-xoljiment ta' kuntratt u informazzjoni dwar termini u kundizzjonijiet ġenerali fir-rigward tal-aċċess u l-użu tas-servizzi tagħhom pprovduti mill-impriżi msemmija lill-utenti finali u lill-konsumaturi u l-użu ta' dawn is-servizzi. Din l-informazzjoni għandha tkun ippubblikata f'forma ċara, iddettaljata u li tkun faċilment aċċessibbli.

24 L-Artikolu 20(2) ta' din id-direttiva, jobbliga wkoll lill-Istati Membri li jiżguraw li l-abbonati jkollhom id-dritt li jitterminaw il-kuntratt tagħhom mingħajr penali, jekk jiġu avżati b'modifiki magħmula fil-kundizzjonijiet kuntrattwali proposti mill-impriża li tipprovdi servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-abbonati għandhom jingħataw avviż adegwat, mhux inqas minn xahar bil-quddiem, ta' modifiki bħal dawk u għandhom ikunu informati fl-istess waqt bid-dritt tagħhom li jirtiraw, mingħajr penalità mill-kuntratti tagħhom, jekk ma jaċċettawx il-kundizzjonijiet il-ġodda.

25 Fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet, għandu jiġi rrilevat li l-leġiżlatur tal-Unjoni rrikonoxxa li l-impriżi li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jista' jkollhom interess leġittimu li jimmodifikaw il-prezzijiet u t-tariffi tas-servizzi tagħhom (ara, b'analoġija, is-sentenza RWE Vertrieb, C-92/11, EU:C:2013:180, punt 46).

26 F'dan il-każ, u kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju u d-domanda magħmula, il-klawżola kkontestata inkluża fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' A1 Telekom Austria tipprevedi aġġustament tat-tariffi skont indiċi annwali oġġettiv tal-prezzijiet għall-konsumaturi stabbilit minn istituzzjoni pubblika, jiġifieri l-Uffiċċju tal-Istatistika Awstrijak.

27 Minn dan isegwi li l-aġġustament tat-tariffi minbarra li huwa kuntrattwalment stabbilit, peress li huwa bbażat fuq metodu ta' indiċi ċar, preċiż u aċċessibbli għall-pubbliku, li jirriżulta minn deċiżjonijiet u mekkaniżmi fi ħdan l-isfera pubblika, ma jistax iqiegħed l-utenti finali f'sitwazzjoni kuntrattwali differenti minn dik li tirriżulta mill-kuntratt li l-kontenut tiegħu huwa ddeterminat mill-kundizzjonijiet ġenerali li jkun fihom il-klawżola inkwistjoni.

28 Għalhekk, meta ssir modifika fit-tariffi b'dan il-mod, din ma tistax tiġi kkwalifikata bħala modifika magħmula lill-kundizzjonijiet kuntrattwali fis-sens tal-Artikolu 20(2) tad-Direttiva Nru 2002/22.

29 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva Nru 2002/22 għandu jiġi interpretat fis-sens li modifika tat-tariffi ta' provvista ta' servizzi relatati ma' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li sseħħ b'applikazzjoni ta' klawżola ta' aġġustament tariffarju inkluża fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ applikati minn impriża li tipprovdi dawn is-servizzi, din il-klawżola li tipprovdi għal dan l-aġġustament

tkun ibbażata fuq indiċi oġġettiv tal-prezzijiet għall-konsumaturi stabbilit minn istituzzjoni pubblika, ma tikkostitwixxix "modifika magħmula lill-kondizzjonijiet kuntrattwali" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li tagħti lill-abbonat id-dritt li jittermina l-kuntratt tiegħu mingħajr penalità.

Fuq l-ispejjeż

30 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 20(2) tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva "Servizz Universali"), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Novembru 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li modifika tat-tariffi ta' provvista ta' servizzi relatati ma' netwerks jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, li sseħħ b'applikazzjoni ta' klawżola ta' aġġustament tariffarju inkluża fil-kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ applikati minn impriża li tipprovdi dawn is-servizzi, din il-klawżola li tipprovdi għal dan l-aġġustament tkun ibbażata fuq indiċi oġġettiv tal-prezzijiet għall-konsumaturi stabbilit minn istituzzjoni pubblika, ma tikkostitwixxix "modifika magħmula lill-kondizzjonijiet kuntrattwali" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li tagħti lill-abbonat id-dritt li jittermina l-kuntratt tiegħu mingħajr penalità.

Firem